**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 37 / 2021**

**Il-Pulizija**

**Supretendent Robert Vella**

**vs**

**Sylvana Armeni**

llum, 18 ta' Mejju 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Sylvana Armeni, ta' 46 sena, bint Carmelo Armeni u Dolores Armeni xebba Hili u mwielda nhar id-9 ta' Novembru, 1972, gewwa l-Pieta' u residenti fil-fond Bieb 2, Flat 3, Triq Gorg Mangion, Mqabba u detentrici tal-karta tal-identita' numru 19373 (M), akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar it-2 t' Ottubru, 2019, ghal habta ta' bejn 20:15 hrs u 21:00 hrs gewwa Triq il-Belt il-Hazna, Marsa:

1. Talli f' post pubbliku jew f' post espost ghal pubbliku, tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali u dan bi ksur tal-Artikolu 7(2) tal-kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli saret recidiva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Frar, 2021, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata Sylvana Ameni hatja ta' l-ewwel (1) imputazzjoni fil-konfront taghha, ma sabithiex hatja tat-tieni (2) imputazzjoni u cioe' ta' l-aggravant tar-recidiva, u ikkundanntha ghal perjodu ta' erbghin (40) gurnata prigunerija effettiva.

Rat ir-rikors tal-appellanta Sylvana Armeni minnha pprezentat fil-11 ta' Frar, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi TIRRIFORMA s-sentenza appellata u dan billi filwaqt illi TIKKONFERMAHA f' dik il-parti fejn illiberat lill-appellanta mit-tieni (2) akkuza, u THASSARHA, TIRREVOKAHA U TIKKANCELLAHA f' dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellanta hatja tal-ewwel (1) imputazzjoni kif migjuba fil-konfront taghha u minflok TIDDIKJARAHA mhux hatja taghha u konsegwentement TILLIBERAHA minnha; jew sussidjarjament TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**A. Apprezzament zbaljat fir-rigward tal-ewwel (1) akkuza**

Illi l-appellanta tirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament u interpretazzjoni hazina tal-provi migjuba quddiemha u tal-Ligi applikabbli meta sabitha hatja tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfront taghha u dan ghaliex fl-umli fehma tal-appellanta l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellha qatt issib htija fl-appellant fir-rigward ta' din l-akkuza.

Illi l-appellanta mhijiex obbligata li tixhed fejn hija fil-fatt ezercitat tali dritt u ghazlet illi ma taghtix id-depozizzjoni taghha quddiem din l-Onorabbli Qorti. Illi fl-ewwel lok jinghad illi l-appellanta mhijiex tenut li tressaq l-ebda prova sabiex tipprova l-innocenza tahagh, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe *beyond reasonable doubt*.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b' zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita.'. Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b' verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-proceduri kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjub fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F' dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b' applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni ' proof beyond a reasonable doubt' :

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his*

*favour, which can be dismissed with the sentence. ' of course it is possible but not in the least probable' , the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x' jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b' zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor. Il-Qorti issa trid tifli x-xhieda mismugha u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reati moghtija lill-imputat jirrizultawx jew le.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b' mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x' inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Illi kif ben tajjeb gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il- Pulizija vs. Mary Rose Vassallo** biex tirnexxi l-prosekuzzjoni taht l-artikolu 7 (2) tal-Kap.63, irid jigi pruvat, fil-grad rikjest mil-ligi ghall-procedimenti penali, li l-persuna akkuzata tkun, **fi triq jew f' post pubbliku jew espost ghall- pubbliku, tlajjat (loitered)** jew ghamlet biex thajjar ("solicited") ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali ohra. Tali prova ssir permezz, u tista' tirrizulta minn **diversi cirkostanzi**, mehudha wahedhom jew flimkien, bhal per ezempju, diskors li ntqal, pozi li jittiehdu, **ilbies li jintlibes, kemm persuna ddum f' post partikolari** u lil min tavvicina **u hafna cirkostanzi ohra**. (enfasi ta' din il-Qorti).

Illi inoltre l-istess Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il- Pulizija vs. Michael Falzon** qalet illi:

> *"jitlajja jew jaghmel biex ihajjar ghal skop ta' prostituzzjoni" u ( "loiters or solicits for the purpose of prostitution", fit-test Ingliz) ma jirrikjedix li*

*jkun hemm l-element li wiehed idejjaq lil dak li jkun jew "importuning" billi wiehed ikun "petulanti, insistenti , nojjuz u koncetti simili". Bizzejjed li persuna tkun miexja jew tistenna f' post maghruf ghal skop ta' laqghat immorali jew ta' prostituzzjoni. Hemm umbaghad cirkostanzi ohra li jindikaw li it-tlajjar ikun qed isir ghal skop immorali, bhal meta jsir f' xi triq mudlama jew imwarrba jew xi gnien pubbliku mwarrab jew mudlam u f' post li jkun maghruf ghal dan l-iskop. L-element tat-thajjir umbaghad jista' jigi dezunt minn ilbies qasir u provokanti tal-persuna li tkun qed titlajja b' mod li jindika lil dak li jkun li dik tkun persuna abitwata u mixhuta fix-xoghol tal-prostituzzjoni u li qeghda hemm ghal dak l-iskop. L-element tac-"circumstantial evidence" huwa f' dan ir-reat evidentement importanti u minnu wiehed jista' jiddezumi il-veri intenzjoni ta' dak li jkun. "*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Vella** moghtija wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali gie ritenut li:-

*"Biex tirnexxi prosekuzzjoni taht l-art.7(2) tal-Kap.63 irid jigi ippruvat, fil-grad rikjest mill-ligi ghal procedimenti penali, li l-persuna akkuzata, tkun fit-triq jew f' post pubbliku jew espost ghal pubbliku, tlajjat (loitered) jew ghamlet biex thajjar (solicited) ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali ohra. Tali prova tista' issir permezz, u tista' tirrizulta minn, diversi cirkustanzi mehuda wahedhom jew flimkien, bhal, per ezempju, diskors li intqal, pozi li jittiehdu, ilbies li jintlibes, kemm persuna iddum f' post partikolari u lil min tavvicina u hafna cirkustanzi ohra. Fil-kaz Behrendt vs Burridge(1977)1 W.L.R 29, prostituta giet ritenuta li kienet qed taghmel biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni billi semplicement qaghdet liebsa skullata fuq banketta gholja wara l-hgiega ta' tieqa li kienet taghti ghat-triq illuminata b' dawl ahmar. Dan il-kaz qed jigi iccitat proprju ghax kien jikkoncerna d-disposizzjoni ta' l-Street Offences Act 1959 li fuqha gie immodellat is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 7 tal-Kap.63.*

Jinghad illi it-tlajjar jew kif inhu maghruf bl-ingliz "loitering" f' post pubbliku huwa l-att materjali li iwassal ghal kostistuzzjoni tar-reat, izda dan il-fatt irid necessarjament ikun akkompanjat bl-intenzjoni kriminuza u cioe' illi l-att fiziku tat-tlajjar ikun qed isir ghal skopijiet ta' prostituzzjoni.

Illi min ezami akkurat tax-xhieda illi ttellghu jirrizulta illi l-appellanta giet osservata gewwa l-Marsa izda jonqsu milli jghidulna x' kienet liebsa u jekk avvicinatx xi karozzi jew kelmet lil xi nies. Esposti dawn il-fattispecje imressqa quddiem l-Ewwel Qorti huwa evidenti illi ghalkemm l-ufficjali tal-pulizija setghu kellhom suspett dwar l-agir ta' l-appellanti, madanakollu ma hemm l-ebda prova konkreta illi l-appellanti kienet qed titlajja.

Illi huwa fatt inkontestat illi l-appellanta fl-ebda hin ma giet osservata thajjar lil xi persuna ghal skopijiet ta' prostituzzjoni. Fil-fatt fl-ebda mument ma intlemhet tieqaf tkellem lil xi persuna ohra. L-uniku fatt materjali li wassal sabiex inhargu l-akkuzi fil-konfront taghha, ai termini ta' l-artikolu 7(2) tal-Kap.63, kien il-fatt illi hija giet osservata wieqfa gewwa zona maghrufa ghal prostituzzjoni.

Illi t-tlajjar jew kif inhu maghruf bl-ingliz "loitering" f' post pubbliku huwa l-att materjali li iwassal ghal kostistuzzjoni tar-reat, izda dan il-fatt irid necessarjament ikun akkompanjat bl- intenzjoni kriminuza u cioe' illi l-att fiziku tat-tlajjar ikun qed isir ghal skopijiet ta' prostituzzjoni. Issa kif ser tigi ippruvata din il-*mens rea* jekk mhux bi provi cirkostanzjali li maghdudin flimkien jistghu iwasslu ghal din il-konvinzjoni lil hinn munn kull dubbju.

Illi f' dan il-kaz il-fatt wahdu li l-appellanti hija persuna maghrufa fid-dinja tal-prostituzzjoni mhuwiex bizzejjed sabiex tinsab reita'. L-ebda fattur iehor ma gie osservat dwar l-abbiljament taghha bhal per ezempju kenitx liebsa skullat, jekk kellhiex xi ammont esagerat ta' make-up, jekk kenitx qed taghmel xi mossi provokattivi jew suggesstivi bl-iskop li thajjar lil xi persuna jieqaf hdejha, fost ohrajn. Allura din il-Qorti tqies illi ghalkemm seta' nibet is-suspett fl-ufficjali tal-pulizija dwar l-intenzjoni kriminuza ta' l-appellanti f' dik il-lejla, madanakollu din kienet biss assunzjoni da parti taghhom minghajr provi ohra li jistghu iwasslu sabiex tigi stabbilita l-intenzjoni kriminuza li twassal ghal sejbien ta' htija. Ghalhekk il-fatt

materjali wahdu illi hija giet osservata f' zona maghrufa ghal prostituzzjoni minghajr ebda prova ohra li tista tindika l-intenzjoni tal-appellanta ma hijiex sufficjenti sabiex tirnexxi l-akkuza u ghalhekk ghandha tigi liberata.

**B. <u>Piena Erogata</u>**

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost dan l-aggravju jirrigwarda l-piena. Illi l-esponent umilment tirrileva illi l-piena moghtija lilha u cioe' dik ta' erbghin (40) gurnata prigunerija hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Illi qabel xejn ghandu jigi kkunsidrat li **l-piena qatt mghandha sservi sabiex titpatta l-hsara li tkun iggarbet mill-vittma - jew mill-familjari taghha - kawza tas-sinistru**.

Illi f' dan l-isfond ssir riferenza ghas-sentenza <u>Il-Pulizija vs Francis Mamo:</u>

> *Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m' ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*
>
> *Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b' ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*
>
> *Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena*

*permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu......*

*Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil- karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m' ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.*

*Illi fil-kaz in ezami l-imputat m' ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;...*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anton Vassallo** deciza mill-Onor Imhallef David Scicluna nhar id-9 ta' Jannar, 2013 intqal hekk:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b' ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

*12. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi lappellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke*

*billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta' servizz fil-komunita`. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.*

Illi inoltre fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Massimo Abela</u>** deciza mill-Imhallef Edwina Grima nhar it-28 ta' Frar tas-sena 2018 intqal hekk:

*Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt, fost diversi decizjonijiet, fis-sentenza* ***Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri*** *moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:*

*Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta' , izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga' , bil-fatti, wera' ; soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B' hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi ' crime does not pay' . Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm*

*possibilita' illi dak li jkun jigi informat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.*

Illi imbaghad fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Maurice Agius**, il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat *in funditus* meta qorti ghandha timponi sentenza ta' prigunerija sospiza:

> *Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Anthony Wood*** *din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement, kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A, li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b' mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f' dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss,*

*tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ghandha tigi sospiza, x' ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

*Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu* ***Principles of Sentencing*** *"[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered." Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta'* ***Anthony Wood****) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f' kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l- piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b' effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b' effett immedjat).*

**9.** *Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x' inhi jew x' tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il- koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b' mod li l-istat ma jinkorrix f' aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba*

*hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x' indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil- gazzetti jew f' xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza* ***R v. Sargeant :***

***"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."***

Illi inoltre l-esponent jaghmel referenza ghall-ktieb bl-isem ta' **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979), ta' **David Thomas**, fejn intqal illi:

*The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentence. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character" (p.236)*

Illi inoltre' , qieghda ssir referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), ta' nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu, 2014, fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Urry,** f' liema decizjoni l-Qorti tenniet:

*F' dan il-kaz, din il-Qorti mhix konvinta li jekk l-imputat jerga jigi kundannat ghal piena karcerarja ohra fuq reati li huwa ammetta*

*ghalihom u li sehhew aktar minn sitt snin wara li gew kommessi, sejjer ikun qieghed imur ghall-ahjar f' hajtu. […]*

*Wara li qieset bir-reqqa dak kollu mistqarr aktar il-fuq, bhall-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz Hatherly, din il-Qorti lesta li tiehu r-riskju u li minflok terga tikkundanna lill-imputat ghal piena ohra ta' prigunerija, bi hsiebha li tqeghdu taht ordni ta' probation bl-obbligu li l-imputat jigi segwit barra l-konfini talFacilita Korrettiva ta' Kordin, fejn donnu ma kien tghallem xejn […].*

Ghalhekk il-piena ta' erbghin (40) gurnata prigunerija kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Illi ghalhekk l-appellanta tirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Ikkunsidrat,

Rat l-affidavit ta' **WPC 423 Charlene Delia** prezentat fl-atti. Ix-xhud spjegat li fit-2 ta' Ottubru, 2019 ghall-habta ta' 8.15pm harget fuq ronda flimkien ma PS 991, PC 321 u PC 349 bil-karozza tas-servizz gewwa it-toroq tal- Marsa sabiex isir spezzjoni rigward prostituzzjoni . Waqt li kienu ghadddejjin minn gewwa Sqaq Sannat kantuniera ma Triq Belt il-Hazna rat zewg persuni ta' sess femminili libsin ilbies provokanti.

Hija waqfet lil dawn iz-zewg nisa u talbithom id-dokumenti tal- identita taghhom. Irrizulta li l-persuni relatati kienu certu Josephine Grixti u Dalaia Zammit. Appena hadet id-dettalji taghhom tathom stuzzjonijiet biex jingabru gewwa r-residenzi taghhom u ma jergghux jitlajjaw gewwa dawn it-toroq. Qaltilhom ukoll li kienet ser tohrog akkuzi fil-konfront taghhom.

Waqt li komplew fuq ir-ronda gewwa l-Marsa innutaw persuna ohra ta' sess femminili titlajja gewwa Triq Belt il-Hazna, naqra 'l fuq mill-hanut bl-isem Sammy's Snack Bar. Waqfitha u talbitha l-karta ta' identita taghha. Din kienet l-appellant Sylvana Armeni detentrici tal-karta ta' identita numru 19373M. Din ukoll inghatat istruzzjoni sabiex

tmur lura gewwa r-residenza taghha u ma tergax titlajja gewwa dawn it-toroq kif ukoll avzatha li kienu ser jinhargu akkuzi kontra taghha.

Rat ukoll l-affidavit ta' **PC 349 Daniel Caruana** u ta' **PC 321 Joseph Casha** li kkonfermaw dak kollu li stqarret WPC 423 Charlene Delia fl-affidavit taghha salv li identifikaw il-karozza tas-servizz taghhom li kellha n- numru ta' registrazzjoni GVP 812.

Il-pulizija tat istruzzjonijiet li dawn il-persuni u cioe Josephine Grixti, Dalaia Zammit u Sylvana Armeni biex m ajibqghux fuq il-post fejn qedin u jmorru jingabru fir-residenzai taghhom kif ukoll gew infurmati li l-akkuzia fil-knfront taghhom ser jinhargu

Illi nhar it-8 ta' Jannar, 2020 il-prosekuzzjoni pprezentat l-okkorenza markata bhala dok RV1, il-fedina penali markata bhal dok RV2, vera kopja ta' hames sentenzi markati bhala dok MG1, MG2, MG3, MG4 u MG5 rispettivament.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2021.

Ikkunsidrat.

Ghalhekk il-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu is-segwenti li –

Nhar it 2 ta' Ottubru, 2019 WPC 423, PC 321 u PC 349 hargu jghamlu r-ronda fi Triq il-Belt il-Hazna il-Marsa u dan fir-rigward ta' prositituzzjoni.

1. Illi ghall-habta ta' bejn it-8.15 u id-9.00p.m waqfu zewg nisa u cioe Josephine Grixti u Dalia Zammit li kienu libsin provokanti u qalulhom biex ma jitlajjawx u jingabru 'l gewwa.
2. Illi l-pulizija nnutaw lill-appellanti Sylvana Armeni aktar 'l fuq fl-istess triq u cioe' fi triq Belt il-Hazna, Marsa 'l fuq mill-hanut Sammy's Snack Bar u skond huma kienet qed titlajja u talbuha tidhol 'l gewwa u ma tergax titlajja.

Fir-rikors tal-Appell l-appellanti, fl-ewwel aggravju taghha tghid li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u dan ghaliex hija m'hix obbligata li tixhed biex tipprova l-innocenza taghha izda hija l-prosekuzzjojni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kul dubbju dettat mir-raguni. Tghid li ma kienx imiss lilha tipprova li kienet

qeda f'dik it-triq titlajja f'dak il-hin indikat mix-xhieda tal-prosekuzzjoni proprju ghar-raguni ta' prostituzzjoni.

Fi proceduri penali l-*onus* ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kawza kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal per ezempju d-difiza tal-insanita'. Pero jidher li l-ewwel Qorti ma strahitx fuq proi diretti izda strahet fuq dawk il-presunzjnijiet ta' fatti li wasluha sal grad li ssib htija fl-appellanti .

Dwar x inhuma presunzjonijeit ta' fatt din il-Qorti taghmel is-segwenti referenzi.

Fi kliem **Sir Rupert Cross;**

> *'Presumptions of fact (praesumptiones hominis) are merely frequently recurring examples of circumstancial evidence, and instances which have already been mentioned are the presumption of continuance, the presumption of guilty knowledge arising from the possession of recently stolen goods and the presumption of unseaworthiness in the case of a vessel which founders shortly after leaving port. These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact'.*

U fl-edizzjoni ta' l-2001 ta' **Archbold** jinghad hekk dwar presunzjonijiet ta' fatt:

> *'A presumption arises where from the proof of some fact the existence of another fact may naturally be inferred without further proof from the mere probability of its having occurred. The fact thus inferred to have occurred is said to be presumed, i. e. is taken for granted until the contrary is proved by the opposite party…And it is presumed the more readily, in proportion to the difficulty of proving the fact by positive evidence, and to the facility of disproving it or of proving facts inconsistent with it, if it really never occurred.' [**Il-Pulizija vs Louis Gauci Borda** [1]]."*

[1] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta April 2002

Iggwidata ghalhekk b'dawn il-principji ta' dritt probatorju fil-kamp penali din il-Qorti allura tqies illi d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti kienet wahda mhux gusta u li allura dik il-qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha. Dan ghaliex il-provi prodotti ma jistabbilxxux l-presunzjoni ta' fatt li l-appellanti li instabet fi Triq Belt il-Hazna, Marsa bil-lejl u cioe bejn it-8.15p.m u id-9.00p.m kienet hemm titlajja ghal skop ta prostituzzjoni.

Illi fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Francis William Peter George Zarb Adami</u>**[2] intqal:

> *Issa huwa risaput li l-provi jistghu ikunu kemm diretti bhal nghidu ahna x-xiehda ta' nies li assistew ghall-incident jew indiretti u cioe' dak li jissejhu provi indizjarji jew "circumstantial evidence". Issa apparti li mill-provi diretti ….. hemm certi "presumptions of fact" li johorgu mill-assjem tar-rizultanzi tal-akkadut, li fil-gurisprudenza antika kienu jissejhu "res ipsa loquitur" u li illum ikun aktar korrett li jissejhu "circumstantial evidence" li jistghu jimmilitaw biex min irid jiggudika , jasal ghal certi konkluzzjonijiet dwar ir-responsabbilta' o meno tal-appellat ghall-incident in ezami ….."These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact . It is not obliged to draw them as a matter of law even if there is no further evidence ..(CROSS. R. "On Evidence (Butterworths, London , 1979) p.124) (App.Krim. **<u>Pol. vs. Claudia Camilleri</u>**[3] )*

Illi anki fid-dawl ta' dan l-insenjament l-aktar recenti, f'dan il-kaz hemm certament "presumptions of fact", cioe' din il-prezunzjoni ta' fatti tqum fejn meta il- "fatti pruvati jkunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika u naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment twassal ghall-prova fi grad sodisfacenti ta' certu fatti."S' intendi bhal kull prova indiretta ohra iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull

[2] Qorti tal-Appell Kriminali Per Onor Imhallef Joseph Galea Debono; Deciza 7 ta' Frar, 2003; Appell Kriminali Numru. 236/2002Paġe 22 of 40

[3] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta Novembru 1996

dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat.

X'kienu dawn l-presunzjonijeit ta' fatt li l-Qorti strahet fuqhom?

1. Li l-appellanti giet osservata fi Triq il Hazna nahr it-2 ta Ottubru 2019 bejn it-8.15p.m u id-9.00p.m. Hawn hekk din il-Qorti tattira l-attensjoni tal-partijiet li fil-fatt ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni ma uzawx il-kelma "osservaw" bhal ma ghamlet l-ewwel Qorti (liema kelma jindika certu trapass ta' zmien) izda il-kelma 'innutaw' lill-appellant u dan ifisser li raw f'okazzjoni wahda cioe f'mument minnhom.
2. Illi fil-fehma ta' dawn l-ufficcjali tal-pulizija din il-persuna kienet qed titlajja u thajjar ghal skop ta' prosekuzzjoni'. Pero din il-Qorti tirrileva kif waslu ghal dan r-raggunament ma jghidulniex. La jghidu li waqfet lil xi hadd, la jghidu li rawha tielgha u nizla fl-istess parti tat-triq, la jghidu li kienet qed iddejjaq lin-nies jghidu **biss** li fil-fehma taghhom kienet qed titlajja fi triq publika. Il-kelma 'titlajja' tista tinghata interpretazzjoni soggettiva u ghalhekk kien jehtieg lix-xhieda tal-proskeuzzjoni jghidu x'jifhmu bil-kelma 'tlajjar'.
3. Il-pulizja jghidu li avvicinawha u talbuha biex titlaq'. Pero jekk in effetti telqitx jew le ma jghidulniex.
4. L-ufficcjali li xehdu ma indikawx l-ibies taghha' u ghalhekk dan il-fattur zgur mhux wiehed li jista jigi attribwit bhala fattur favur l-proskeuzzjoni ghal prova tar-reat. U meta addirittura jsemmu li waqfu zewg minn nies ohra ta se femminili ighidu li dawn kienu libsin ilbies provokanti.

Din il-Qorti tfakkar lill-partijiet li l-akkuzata ma ghandha tipprova xejn dwar l-innocenza taghha - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija taghha. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputata, l-*onus* generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha *beyond a reasonable doubt*, li tipprova kaz dettat bla dubju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni. L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzata irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli,

il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Il-Qorti ghalhekk thoss li ghandha taghmel l-ewwel xi konsiderazzjoni ta' dritt dwar x'jikostitwixxi ir-reat ta' tlajjar ghal skop ta' prostituzzjoni.

L-akkuza in ezami hija dik naxxenti mill-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' dwar l-Qirda tal-Kummerc tal-Prostituzzjoni u cioe' li

> ' *kull minn f'xi triq jew f'post iehor pubbliku jew xi post espost ghall-pubbliku jitlajja jew jaghmel biex jhajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali, jehel...*'

Illi ghalhekk biex titmexxi prosekuzzjoni taht l-artikolu 7(2) tal-Kap 63 irid jigi ppruvat, fi grad rikjest mill-ligi ghal procedimenti penali, li l-persuna akkuzata tkun fi triq jew f'post pubbliku jew espost ghall-pubbliku, 'tlajjat' (loitered) jew ghamlet biex 'thajjar' (solicited) ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali ohra. Tali prova tista ssir permezz u tista tirrizulta minn diversi cirkostanzi, mehuda wahedhom jew flimkien, bhal per ezempju diskors li ntqal, pozi li ttiehdu, ilbies li jintlibes, kemm persuna ddum f'post partikolari u lil minn tavvicina u hafna cirkostanzi ohra. LI fil-kaz in desamina ma hemm xejn minn dan.

Fil-kaz **'Brendith v Bunridge'** [4], prostituta giet ritenuta li kienet qed taghmel biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni billi semplicement qaghdet liebsa skullata fuq banketta gholja wara l-hgieg ta' tieqa li kienet taghti ghat-triq lluminata b'dawl ahmar. Dan il-kaz qed jigi citat proprju ghax kien jikkoncerna d-disposizzjoni tal-Street Offence Act 1959 li fuqha gie modellat is-sub artikolu 2 tal-artikolu 7 tal-Kap 63.

L-**artikolu 7(2) tal-Kap 63** huwa simili jekk mhux identiku ghal **artikolu 1(1) ta' The Street Offences Act 1959**, li jsemmi l-kliem 'loitering' u 'soliciting' u dan ghaliex t-tifsira ta' wahda minn dawn il-kliem ma tinkludix t-tifsira tal-kelma l-ohra. Waqt li l-

[4] (1977) 1. W.L.R. 2a

kelma 'tlajjar' tfisser aktar milli prostituta mixja bil-mod jew tieqaf f'okkazzjoni wahda, u ghalhekk komportament ripetitiv u kontinwu huwa necessarju sabiex jigi ppruvat li l-prostituta qed tipprostitwixxi ruhha.

Fil-fatt l-Qorti Ingliza tat tifsira ghal kelma '*loitering*' fis-sentenza **<u>'Bridge vs Campbell</u>**[5]' fejn gie stabbilit li:-

> "*loitering means lingering with no intent to move on and may be engaged in while in a vehicle as well as as on foot*".

Ghalhekk kemm jekk l-komportament ikun bil-mixi jew kemm jekk ikun b'karozza, dan hu irrelevanti basta li l-klijenti prospettivi jigi attirati. L-intenzjoni tal-legislatur meta ppromulga l-**Street Offences Act 1959** li fuqha hija disinjata l-ligi taghna kienet li teqred l-prostituti mit-toroq u postijiet pubblici, meta dawn qed jikkrejaw dwejjaq bl-ezercizzju tas-sengha taghhom.

Il-kelma 'tlajjar' jew kif inhi aktar maghruha bl-ingliz 'soliciting' tfisser mhux biss diskors izda anke movimenti tal-wicc u gisem bhal per ezempju tbissima jew xi indikazzjoni li tindika invit ghal prostituzzjoni. Per ezempju fis-sentenza **<u>'Field vs Chapman</u>**[6]' , l-akkuzata kienet giet misjuba hatja ta' dan r-reat a bazi ta' tlajjar ghaliex qaghdet bil-wieqfa quddiem toilet tal-igriel tidhqilhom.

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija v Antonio Spiteri'</u>**[7], il-Qorti tenniet:

'*li r-reat jimporta certu grad ta' persistenza jew molestja (annoyance).*'

L-iskop tal-ligi hu li tipprotegi nies ghaddejja ghal affari taghhom u li m'ghandhomx hsieb ta' avventuri u m'ghandhomx jigu imdejjqa. Ghal nies bhal dawn proposta wahda biss hija 'annoyance'.

---

[5] 1947
[6] 1953
[7] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Jannar, 1945

Il-ligi xejn aktar ma trid milli wiehed jdejjaq persuna ghal skop ta' prostituzzjoni. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Sultana**[8], gie deciz li ghall-ezistenza ta' tlajjar bizzejjed proposta minn naha wahda biss, m'hemmx bzonn li din tigi imtennija b'persistenza jew pertinacja.

Jekk wiehed jezamina d-debates li ghaddew mill-Parlament meta kienet qed tigi promulgata din il-ligi, fit-tieni qari, **seduta numru 226, fol 358 et seq**, insibu definizzjoni li l-mibki Professur Guido DeMarco jaghti ghat-tifsira ta' tlajjar. Huwa jghid :

> *'biex jkollok kaz ta' tlajjar li tista tmexxi 'l quddiem mhux bizzejjed li l-Pulizija tghid li kienet ghassa u rat lit-tali persuna tmur fuq bniedem u tkellmu u tghid li hi fehmet li kien qed jitkellmu ghal skopijiet ta' prostituzzjoni... In mankanza ta' prova li xi hadd gie effettivament avvicinat ghal tali skop, r-reat ta' tlajjar ma jikkonfigurax'.*

Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma fid-dawl tal-provi prodotti li l-prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova ghas-sodisfazzjon tal- Qorti li l-appellanti verament kienet qed titlajja u wisq inqas li kien hemm xi skop ta' prostituzzjoni. Ghalhekk s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti ma kienitx wahda 'safe u satisfactory 'u konsegwentment qeda tiddikjara li mhux qed issib lill-appellanti hatja tal-akkuzi u tirrevoka is-sentenza appellata u tillibera lill-apellanti minn kull imputazzjoni u piena.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

[8] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Dicembru, 1969